05 NOV 2024

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 604**

**It-Tlieta 8 t' Ottubru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Leone Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 604.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

604.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Joseph Buttigieg u mis-Sur Leone Sciberras fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sur Leone Sciberras ikunu skużati.

## 604.2 Iffirmar tal-MOU – Proġett Dar Sagra Familja

604.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jagħti aġġornament fuq proġett li ilu għaddej għal diversi snin, fejn spjega lil dawk li ma kinux parti mil-leġiżlatura preċedenti li l-inizjattiva biex tiġi żviluppata Dar tal-Anzjani f'Ħaż-Żabbar mal-Arċidjoċesi ta' Malta ilha għaddejja għal kważi ħames snin. Is-Sindku qal li kien hemm relazzjoni b'saħħitha bejn il-Kunsill, l-Arċidjoċesi ta' Malta, u Fondazzjoni Sebħ li hija responsabbli mid-Dar tat-Tfal. Is-Sindku żied jgħid li fil-passat kienu saru diversi laqgħat biex is-sit jinbidel f'dar għall-anzjani, li tinkludi wkoll parkeġġ kif ukoll bini ġdid għall-akkomodazzjoni tas-Sorijiet ta' San Ġużepp. Il-proġett jinkludi t-twaqqiegħ ta' parti mill-fabbrika li kien hemm u ż-żieda ta' żewġ sulari fuq l-ewwel sular eżistenti fi Triq Ġanni Bonavia. Il-binja l-ġdida se żżomm l-estetika tal-bini li hemm preżentament. Barra minn hekk, se jsir bini ġdid b'numru ta' appartamenti biex is-Sorijiet u t-tfal ikollhom aktar indipendenza. Il-ġnien ta' wara se jibqa' kif inhu, filwaqt li se jinbena parkeġġ għall-użu tal-anzjani b'aċċess minn Triq Hompesch. It-titolu tal-proprjetà se jibqa' f'idejn l-Arċidjoċesi ta' Malta, u l-investiment se jsir wara li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-interess. Il-pjanti, li diġà ġew iffinalizzati u approvati mill-Arċidjoċesi ta' Malta u l-Fondazzjoni Sebħ, se jkunu inklużi fis-sejħa għall-interess biex jiġu ppreżentati lill-investituri nteressati. Is-Sindku speċifika li l-Memorandum ta' Ftehim, li huwa ftehim bejn Arċidjoċesi ta' Malta u l-Fondazzjoni Sebħ, huwa maħsub biss biex jibda l-proċess sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa ta' nteress għall-iżviluppaturi nteressati. L-MOU se jibqa' validu sal-aħħar ta' Mejju 2025 u jista' jiġi estiż jew imwaqqaf miż-żewġ partijiet. Is-Sindku rrimarka li kien iddiskuta mal-Ministru tal-Anzjani dwar il-finanzjament tas-sodod u qal li l-proċess sabiex il-Gvern jinvesti fix-xiri ta' sodod isir biss wara li s-sit jiġi żviluppat. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa min kien se jiffinanzja l-proġett. Is-Sindku wieġeb li t-titolu tal-art se jibqa' tal-knisja u l-investitur magħżul se jinvesti fil-bini skont il-pjanijiet approvati. Is-Sindku spjega li l-irwol tal-Kunsill huwa li jaġixxi bħala aġent sabiex jiffaċilità ir-realizzazzjoni tal-proġett u assigura li l-Kunsill mhux se jkun responsabbli mill-kostruzzjoni jew mill-amministrazzjoni tad-Dar tal-Anzjani. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk l-anzjani Żabbarin kienx se jkollhom xi preferenza biex jidħlu fid-Dar tal-Anzjani. Is-Sindku ċċara li l-għan tal-Arċidjoċesi ta' Malta ma kienx li d-Dar tal-Anzjani tkun amministrata minn kuntrattur privat iżda li jsir ftehim mal-Gvern sabiex jixtri s-sodod, kif jiġri f'residenzi oħra għall-anzjani. Is-Sindku rrimarka wkoll li l-Kunsill mhux se jkun legalment responsabbli matul il-proċess tal-bini, iżda se jara li jiġu rispettati l-kriterji maqbula li nħarġu fis-sejħa ta' interess. Il-Kunsill għandu jkun responsabbli wkoll biex jiġi stabbilit kemm se tkun il-kera li trid titħallas mill-iżviluppatur, u li din se tiġi definita fl-espressjoni ta' interess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill mhux se jkun involut fl-amministrazzjoni tad-dar. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'kien ser ikun l-irwol tal-Kunsill f'dan il-proġett. Is-Sindku spjega li l-irwol tal-Kunsill huwa li jaġixxi bħala aġent li jiffaċilita r-realizzazzjoni tal-proġett u

li joħroġ is-sejħa ta' nteress għall-iżviluppaturi. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-Kunsill ser ikun responsabbli għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-proġett. Is-Sindku kompla jgħid li wara l-iffirmar tal-MOU kien ser jinħatar bord indipendenti sabiex jiddiskuti l-espressjoni ta' interess. Barra minn hekk, is-Sindku qal illi kopja tal-Memorandum tal-Ftehim kien intbgħat lill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku semma li d-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali kien infurmah formalment li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma kellux oġġezzjonijiet dwar l-iffirmar tal-MOU u kkonferma li l-Kunsill jista' jħallas għall-ispejjeż amministrattivi relatati mas-sejħa għall-interess. Is-Sindku qara l-korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi ffirmat il-Memorandum tal-Ftehim mal-Arċidjoċesi ta' Malta u Fondazzjoni Sebħ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat il-Memorandum tal-Ftehim mal-Arċidjoċesi ta' Malta u Fondazzjoni Sebħ.

604.2.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.28 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-606 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku